MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru. 334/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**ROBERT GAFA ta' 35 sena, iben Geroge u Maria Dolores nee' Galea, imwieled San Giljan nhar il-31.12.1974, residenti fl-indirizz Tamarind, St Louis Street, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 27275M;**
**U MALCOLM ZARB ta' 32 sena, iben Michael u Frances nee' Vella, imwieled Attard nhar id-09.08.1978, residenti fil-fond Gaetrose, Triq il-Vlontin, Fleur Des Lys, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 416478M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **ROBERT GAFA’** u **MALCOLM ZARB** li gew akkuzati talli:

Fil-25 ta’ Mejju, 2001 u fix-xhur precedenti, f’Hal-Luqa, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, dolozament, b’sustanza esplussiva, ghamlu esplozjonijiet li setghu jqieghdu f’periklu l-hajja ta’ haddiehor, jew jaghmlu hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, bi ksur ta’ l-Artikoli 311 u 312(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg haddiehor, mehudin b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun, indahlu biex imexxuhom jew ibieghhuhom, bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm10,000 hames mitt lira, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Robert Gafa’ wahdu akkuzat talli:**

Fl-istess cirkostanzi, f’Hal-Luqa u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setghu fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ madwar Lm7,000 bi hsara ta’ l-imsemmij socjeta’ Miller Distributors Limited, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor minn haga li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba

depozitu necesarju, bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll xjentement ghamlu uzu minn dawn l-atti jew skritturi foloz, bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju kemm Robert Gafa' kif ukoll Malcolm Zarb irrispondew li ma kinux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tist'a tinstab htija a folio 573 u cioe:

**FIL-KONFRONT TA' MALCOLM ZARB:**

a. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 279(b), 280, 281, 18, 334, 325(a), 312(3), 31, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali

**FIL-KONFRONT TA' ROBERT GAFA':**

a. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 279(b), 280, 281, 18, 334, 325(a), 312(3), 31, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 183, u 184 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputati irregistraw li ma kellhomx oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 572);

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ser tibda fl-ewwel lok biex tirriproduci fil-qosor, anzi l-parti saljenti, tax-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni.

Xehed ghalhekk l-Ispettur Joseph Cordina dwar l-investigazzjoni tieghu li wasslet ghal dan il-kaz. Xehed illi kemm Robert Gafa’ kif ukoll Malcolm Zarb kienu ammettew mad-diretturi ta’ Miller’s Distributors li kienu huma responsabbli ghall-ammont inspjegabbli ta’ power failure li kienu qed isofru fil-fond ta’ din is-socjeta’. L-istess kienu ammettew mad-diretturi li kienu anke responsabbli ta’ serq ta’ merce mill-kumpanija msemmija. Tant illi wara li anke gew mitkellma mill-istess Ufficjal Prosekutur, sar ‘search’ ghand Gafa’ u Zarb u minn hemm gew elevati diversi oggetti. Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur ipprezenta zewg listi ta’ oggetti mehuda minghand l-imputati rispettivament, Dok JC rigwardanti Robert Gafa’, u Dok JC 1 b’referenza ghal Malcolm Zarb.

Xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur illi l-investigazzjonijiet wasslu ghal nies li kienu qeghdin ifornu karti lil Miller Distributors, ta’ liema jithallsu, pero dawn il-karti ma kinux qed jigu ricevuti minn Millers. Semma’ wkoll illi l-investigazzjonijiet wassluh ghal persuna - certu Lawrence Galea, li kien qed isarraf lil Gafa’ cekkijiet mahruga fuq Miller’s Distributors.

Bdew ghalhekk jittellghu jixhdu xhieda in sostenn ta’ l-investigazzjoni ta’ l-Ufficjal Prosekutur.

Xehed ghalhekk Malcolm Miller, chief executive ta’ Millers Distributors. Xehed illi kienu ilhom jikkonstataw problemi fis-sistema tad-dawl u l-computers minn Settembru sa disa’ xhur wara. Iddeskriva li kien qed imurilhom id-dawl u

jsibu l-computers imtajrin. Spjega li minhabba hekk, sahansitra marru ghand l-Enemalta. Saru testijiet appoziti fuq il-cables li rrizulta ‘clean.’. Qal illi gew inkarigati diversi esperti, bhal Lorry Ciantar, il-Profs Delia, l-Engineer Scicluna – dawn kollha biex jippruvaw isibu kaptu ta’ din il-problema. Qal illi konsegwenza ta’ hekk, waslu anke biex jistrippjaw is-sistema kollha tad-dawl. Iccekkjaw anke mas-suppliers taghhom, barranin. Xehed illi fl-ahhar gieh suspetet fuq kamra fejn kien hemm il-main switch board, dan fejn kien hemm l-iskrivanija ta’ Robert Gafa’ u Malcolm Zarb. Hawn indunaw li kien hemm tbaghbis fis-switch board tal-voltagg tal-computers minn 115 ghal 230 volts. Xehed kif allura wasal biex jikkonkludi li l-agenti ta’ dan koillu kienu l-imputati. Spjega li biex titla’ go l-ufficju ried ikollok password, sistema’ ta’ codes, haga li kellu Robert Gafa’. Induna li fil-fatt fejn kien jidhol Robert Gafa’ kien hemm certu pattern, cioe’ fejn juza l-code tieghu kienu jigu milqutin. Qal ukoll illi meta hadu c-cavetta tal-kamra, cioe’ tal-power room, li kienet allura vicin l-iskrivanija taghhom, b’hekk dawn ma kellhomx iktar access ghal din il-kamra. Jghid li darba li hadu c-cavetta d-dawl ma nqatax iktar. Tant inqalughlhom problemi li sahansitra hadu l-main server il-Belt, ghalhekk gew limitati juzaw is-sistema limiatata li kellhom il-Belt. Jghid li fl-ahhar fil-25 ta’ Mejju, kien baghat ghal Robert Gafa’, staqsieh x’kellu x’jaqsam mad-dawl, wara xi ghaxar minuti ammetta mieghu dwar it-tbaghbis fid-dawl. Ammetta wkoll fuq serq, dan fejn kien jinvolvi serq ta’ stationery. Ammetta wkoll illi kien jinzel fl-store li kellu access ghalih u jisraq il-merkanzija minn hemm.

Baghat ukoll ghal Malcolm Zarb li wkoll ammetta l-involviment tieghu.

Xehed Miller illi l-ammont globali ta’ danni li sofriet il-kumpanija bl-ghemil hekk deskritt, kien ta’ Lm219,000.00, bejn serq u frodi. Xehed fuq id-dannu soffert mill-equipment, overtime u hin mitluf, replacement ta’ dawl, kiri ta’ apparat, spejjez ta’ konsulenti. Tkellem fuq xoghol illi kien inxtara mill-kumpanija f’Settembru li ma setax jigi processat, dan kien merkanzija li nxtrat ghall-Milied, li allura baqghet nbieghetx. Xehed fuq l-ispejjez li nkorriet il-

kumpanija biex topera mill-Belt. Xehed ukoll dwar it-telf ta' profitt li sofriet il-kumpanija. Qal illi dawn il-problemi bdew f'Settembru u spiccaw fil-25 ta' Mejju meta gew mitkellma l-imputati. Minn dakinhar 'l hawn qatt ma kellhom problema ta' interruption.

Xehed ukoll illi l-kumpanija kellha wkoll CCTV recording li kienu juri lil Robert Gafa' ibaghbas fil-computers, li kien qieghed f'partijiet tal-bini fejn ma kellux dritt ikun. Spjega li mal-kumpanija Miller, Robert Gafa' li kellu posizzjoni ta' distribution manager, u Malcolm Zarb bhala l-assistent tieghu. Xehed illi Gafa' kien ilu disa' snin jahdem mal-kumpanija, mentri Zarb circa tlitt snin.

Xehed illi bhala telf fi stationery il-kumpanija sofriet Lm23,000.00. Tkellem hawn dwar sena fejn il-kumpanija kellha spejjez enormi fl-stationery li kienet qed tuza. Xehed illi f'xahar ta' Marzu, il-kumpanija xtrat madwar milun sheet ta' photocopy paper – dawn bhala uzu taghhom, consumables. Indunaw li hafna minn dan ix-xoghol ta' stationery qatt fil-fatt ma kien gie delivered ghand il-kumpanija, nonostante li kienet qieghda tinhareg purchase order ghalih mis-Sur Gafa'. Ghalhekk fuq tali purchase order kienu qed jinhargu cheques (purchase orders maghmula minn Gafa') fuq invoices falsifikati. Xehed fuq cheques tal-kumpanija Miller depozitati fl-account ta' certu Lawrence Galea.

Xehed illi kien l-inkarigu ta' Gafa' li jara fuq is-suq il-prezzijiet ta' affarijiet li kellha bzonn il-kumpanija. Xehed fuq xoghol mibghut minghand JM Suppliers u Complete Services li qatt ma hadu x-xoghol ghand Miller, dan dejjem fir-rigward ta' stationery.

Ezebixxa Dok RM 1 folio 72 – 75, li juri t-telf li sofriet il-kumpanija.

Peter Vella De Fremaux huwa senior executive mal-Miller Distributors. Xehed illi fuq il-kaz kien involut mill-bidu nett cioe' mill-15 ta' Settembru, 2000. Qal illi kien ser isiefer u nqata' d-dawl, ghalhekk halla kollox f'idejn Robert Gafa'. Irrakkonta dak li sar biex isibu soluzzjoni ghal din il-

problema rikorrenti, sahansitra li nbidlu l-micro circuit breakers. Kien hu li fil-fatt ikkontattja l-inginiera biex isolvi din il-problema. Nonostante cio’ xorta l-problema baqghet ma nstabitx sal-25 ta’ Mejju. Irrepeta bhala incident fid-dawl dak illi qal ix-xhud ta’ qablu kif ukoll lill-kumpanija kellha CCTV recording ghaddej u minn hemm ra lil Robert Gafa’ ibaghbas mal-power supply. Dan ir-recording gie ezebit bhala Dok PVD.

Spjega li wara l-25 ta’ Mejju, ingab is-server lura minn Hal-Luqa, u ma regghux kellhomx problemi ohra fi qtugh ta’ dawl jew fil-power supply.

Xehed fil-fatt illi c-cavetta tal-kamra fejn kien hemm MCBs kienet fuq id-desk ta’ Robert Gafa’. Qal illi kull min kien jaf li kienet qieghda hemm kellu access ghaliha.

Spjega dan ix-xhud li l-kumpanija minn Settembru sa Mejju marret lura finanzjarjament. Xehed dwar l-inkonvenjenza tal-fatt illi kellhom jibdew jahdmu mill-Belt minflok minn Hal-Luqa, li hafna mill-impjegati bdew jahdmu bil-lejl ghaliex dak il-hin ma kienx ikun hemm qtugh ta’ dawl. Tkellem ukoll dwar upgrading li sar fil-computers tal-kumpanija.

Ittella’ jixhed certu Lawrence Galea (folio 90). Dan ghandu hanut Top Spot gewwa r-Rahal Gdid. Xehed illi kien jixtri stationery minghand Millers Distributors. Ammetta li kien jaf lil Robert Gafa’. Ghazel illi ma jwegibx mistoqsijiet li sarulu dwar hlas ta’ xi cekkijiet minghand Robert Gafa’.

Louise Grech hija fil-fatt sales assistant mal-hanut Top Spot. Xehed illi kienet taf lil Robert Gafa’. Spjegat illi Gafa’ kien gieli gie l-hanut biex isarraf xi cekkijiet. Kien Lawrence Galea li qallha li dawn ic-cekkijiet kienu dejjem minghand Millers. Xehdet ukoll illi kienet qalet lil Lawrence li dawn ic-cekkijiet kellhom xi haga hazina.

Charles Cassar xehed illi kien jahdem bhala storekeeper ma’ Miller Distributors. Xehed dwar il-lista Dok JC sa Dok JC1. Ikkonferma li l-merkanzija hemm riferuta kienet dik li Miller Distributors kienu jinnegozjaw fiha. Ikkonferma li

dawn l-oggetti kienu kollha jinzammu l-store. Xehed illi kemm Gafa' u kif ukoll Zarb gieli nizlu fl-store, kif ukoll illi Zarb kellu access ghall-store ghax kellu l-alarm access.

Kenneth Frendo kien il-financial controller ma' Miller Distributors. Anke dan xehed dwar il-qtugh ta' dawl u l-involviment biex tinstab soluzzjoni ta' inginiera, Enemalta u l-istess suppliers ta' dawl tal-kumpanija. Xehed dwar id-diffikultajiet li kkaguna lilu dan il-qtugh ta' dawl bhala financial controller, tant illi kellu amki jahdem bil-lejl. Dwar it-tbaghbis li beda jsir fil-computers, xehed illi hu sahansitra kien ra wire tad-dawl jisplodi.

Spjega li x-xoghol ta' Gafa' li kien responsabbli mix-xiri ta' stationery ghall-kumpanija, hu, cioe' l-financial controller, kien japprova l-istess.

Spjega dwar cheques li kienu johorgu fuq certu Lawrence Galea ghax Gafa' kien irnexxielu jaghmel deal favorevoli ma' Galea. Ghalhekk hargu cheques payable lil Lawrence Galea, liema cheques dan ix-xhud kien jghaddi lil Robert Gafa', b'certezza li x-xoghol kien ser jasal ghand il-kumpanija. Xehed illi hu ma kienx fil-fatt jivverifika jekk dan ix-xoghol kienx fil-fatt ikun wasal, ghax dan ix-xoghol kien fdat lil Robert Gafa'. Ghalhekk kien Gafa' li kien jiccekkja u japprova l-stock.

Qal illi lil Lawrence Galea nhargulu cekkijiet ghall-ammont ta' erbatax-il elf disgha u disghin lira.

Tkellem ukoll dwar ir-rizultat ta' ezami komparattiv finanzjarju li ghamel, b'mod partikolari mill-1 ta' Frar tas-sena 1999 u 31 ta' Janna 2000, u ghamel ezami komparattiv ma' Jannar 2001. Irrizulta evidenti l-spike fuq l-ordnijiet ta' stationery li kienet ghamlet il-kumpanija, tant illi l-figure sa l-ahhar ta' Jannar tas-sena 2001 kienet qrib il-hamsin elf lira, qabza fl-opinjoni tax-xhud ta' mijiet ta' punti percentwali. Xehed illi kien ghalhekk baghat ghal Robert Gafa' bhala bniedem responsabbli.

Tant kienet pre-okkupanti ghalih li kien anke ippropona lil Gafa' jikkompjuterizzaw l-stationery uzat minn kull dipartiment – Gafa' pero ma kienx qabel mieghu fuq din il-proposta stante li kienu dak iz-zmien qeghdin joperaw mill-Belt. Din l-implimentazzjoni baqghet ma saritx. Tant ma kienx konvint mill-ispiza ta' l-stationery, li beda jinvestiga invoice wahda wahda. Sab allura li minghand JM Supplies fil-konfront ta' zewg invoices, f'xahar minnhom hlew miljun karta tal-photocopy.

Qua donnu soffert mill-kumpanija globalment wasal ghall-konkluzjoni li dan kien jaqbez il-mitejn u dsatax-il elf lira. Hawn kien qed jaghmel referenza ghad-dokument gia' ezebit mis-Sur Miller.
Spjega dan it-telf b'dan il-mod: (folio 117 – 118)
*'Din il-figura hija maghmula minn hafna spejjez specifici partikolari illi ahna imperjajna bhala kumpanija matul dan il-perjodu. Fosthom insibu s-sitt elef u tminn mitt lira kwazi hsarat fuq il-computers. Insibu ammont ta' hamest elef u seba' mija ammont li thallas bhala overtime minhabba l-problema li kellna tas-sistema ma tahdimx during the day allura ahna hadna percentwal mill-overtime taghna u allokajnieh ghal din is-sitwazzjoni. Kien hemm il-figura gholja hafna li anzi krudenti ta' tmenin elf u disa' mitt lira li tirrifletti l-valur ta' pagi li thallsu lill-persuni li kienu kompletament dipendenti fuq computers li ammontaw ghall-tmienja u tletin impjegat li ghall-granet shah matul dan il-perjodu ma setghux joperaw b'mod effettiv u efficjenti minhabba li s-sistema kienet ma tahdimx. Hemm il-figura ta' sitt elef lira li huma replacements u hsarat li kellna fid-dawl innifsu mhux bhala computers. Ghandna s-somma ta' sittax-il elf u hames mija maqsuma fuq erba' konsulenti li asisstewna matul dan il-perjodu minn Settembru tal-2000 sa Mejju tal-2001. Ghalkemm il-kont ghadu ma nghatat u hemm indikazzjonijiet cari tal-valur tal-kont taghhom x'ha jkun. Hemm il-figura approssimattiva ta' ghaxart elf lira ghal xoghol illi ma nbieghx minhabba li s-sistema kienet qed tikkrexxja u ghalkemm kien qed jigi ordnat specjalment fuq l-area tal-kotba matul dan il-perjodu x-xoghol baqa' ma' wiccna ghax jew ma jkunx wasal fil-hin jew inkella wasal u ma stajniex niddeliverjawh minhabba li s-sistema kienet qed*

*tikkrexxja u ghaldaqstant baqa' ma' wiccna u qieghed hemmhekk fl-istore mohli. Ghandna l-figura ta' hamest elef u tminn mija li tirrifletti spejjez ta' trasport ta' telephones u ta' elettriku li ahna wehilna b'mod zejjed bil-Belt Valletta minhabba li kellna nahdmu ghall-hinijiet twal prattikament erbgha u ghoxrin siegha kuljum kien ikun immenjat il-post ghal hafna granet mhux ghad-disa' xhur shah imma ghal perjodu sostanzjali. U qeghdin nikkalkolaw li hemm l-ispiza ta' hamest elef u tminn mija fi trasport minn Hal-Luqa ghall-Belt u lira ta' staff u anke ta' materjal biex stajna noperaw mill-Belt. Hemm inkludi wkoll l-ispiza ta' erbat elef u mitejn lira kwazi li tirrifletti renta ta' dan il-post li ahna uzajna l-Belt matul id-disa' xhur li potenzjalment kellna kirja tieghu minn Jannar li ghadda li ma stajniex nirrealizzawha minhabba li ahna konna qeghdin naghmlu uzu biex nistghu noperaw bhala kumpanija, bhala Millers Distributors Limited. Kellna somma ta' tmint elef lira li hallasna lil IT Consultant taghna li dan qatta' l-maggor parti tal-hin matul dawn id-disa' xhur minn Settembru tas-sena 2000 sa Mejju tas-sena 2001 flok jizviluppa software u sistemi godda ghall-kumpanija biex itejjeb l-efficjenza taghna biex tkun iktar efficjenti, qatta' hafna mill-hin tieghu jsolvi problemi biex il-kumpanija tista' taghmel emergency plans biex tahdem ftit u at least ix-xoghol jista' jibqa' ghaddej minkejja li b'hames users. U mbaghad ghandna wkoll is-somma ta' tmienja u erbghin elf lira li l-kumpanija qed tikkalkula li huwa l-gross profit potenzjali matul dan il-perjodu minhabba loss in turnover li kien hemm li huwa ta' mija u sittin elf lira, hemm tmienja u erbghin elf lira minnhom jew ahjar disgha u ghoxrin punt tmienja tlieta percentwali ta' gross profit li l-kumpanija tilfet minhabba din not increase in turnover. Imbaghad ghandna l-istima ta' hamest elef lira ta' serq, elfejn u hames mitt lira fuq is-Sur Gafa' u elfejn u hames mitt lira fu is-Sur Zarb, ta' affarijiet li nsterqu mill-istores tal-Millers Distributors Limited li jinsabu f'Hal-Luqa. Kif ukoll il-figura ta' twenty-three thounsand pounds li tirraprezenta valur ta' stationery li fih hemm ukoll inkluz cekkijiet li hargu lis-Sur Lawrence Galea ghall-istationery li fil-fatt qatt ma waslet ghand il-kumpanija. Jigifieri parti minn dawk it-tlieta u ghoxrin elf huma dawk l-erbatax-il elf cekkijiet….cekkijiet li hargu in favur ta' Lawrence Galea*

*maghhom hemm differenza li tammonta b'kollox twenty three thousand pounds li tirrifleti u anke parti mill-increase li kien hemm fl-istationery matul is-sena partikolari li semmejna."*

Qal li din kienet komputazzjoni tieghu, wahda appoggjata b'dokumentazzjoni.

Xehed ukoll illi kein prezenti meta gew mitkellma z-zewg imputati mis-Sur Miller. Anke ra l-videos tac-CCTV fejn kien car illi kien hemm persuna minnhom identifikata li kienet is-Sur Gafa', li kien mar fuq is-server tal-mail u tfiegh.

Michael Barberi ukoll haddiem ma' Miller Distributors, inkarigat mis-sistema tal-computer ta' l-istess kumpanija, ukoll xehed dwar il-problemi li kellha l-kumpanija bil-computers u cioe' li jtirulhom il-fuses jew il-power supplies, jghid illi sahansitra darba anke ha shock minn wiehed minnhom, jghid li wegga' idejh sew (folio 103).

Eliza Psaila kienet is-segretarja tas-Sur Miller. Xehdet ukoll kif regghet sabet il-kumpanija bla dawl, allura ma setghetx tixghel il-computer, biddlet il-fuse, xeghlet il-computer u ftit wara semghet hoss kbir gej mill-computer, tant illi beda hiereg id-duhhan. Qalet li telqet tigri.

Raymond Debono, ukoll impjegat mal-kumpanija, xehed ukoll dwar il-qtugh esperjenzat fil-computers.

Pierre Muscat, salesman mal-kumpanija JM Supplies gie muri d-dokument JC 3 folio 42. Spjega li dan kien agreement ta' hames mitt kaxxa, karta li huwa nnegozja ma' Robert Gafa'. Minnhom ghamlu delivery ta' tlitt mitt kaxxxa. Xehed illi hu baghat dawn il-karti x'imkien Birkirkara. Dan mieghu (ma' Gafa'), innegozja prezz ta' one forty excluding VAT. Gialadarba l-kumpanija Miller gia kienet klijenta taghhom, ta' JM Supplies, hu ghalih ix-xoghol li kien qieghed ibiegh kien ghall-istess kumpanija. Qal li fid-dealings tieghu mal-kumpanija Miller, hu dejjem

iddilja ma' Robert Gafa', u dan kien ilu jaghmlu ghal sentejn.

Edwin Cilia, store keeper ma' JM Supplies, kien anke delivery man ma' l-istess socjeta', dan anke fiz-zmien li kien jaf lil Robert Gafa'. Ftakar li qassam kunsinna ta' tlitt mitt kaxa (karti) x'imkien Birkirkara. Din il-kunsinna dahhalhom go dar. Tant fil-fatt kienet kbira l-kunsinna li kienu diversi nies biex dahhluha go din id-dar.

Ludvic Camilleri, ukoll deliveryman ma' JM Supplies, xehed dwar deliveries li kien jaghmel lil Miller gewwa Hal-Luqa. Ftakar li anke ghamel kunsinna ghal Miller gewwa Birkirkara ta' tlitt mitt kaxxa karti. Jaf illi fil-fatt l-invoice ta' dan ix-xoghol kienet tghajjat lil Miller. Ikkonferma wkoll illi meta fil-fatt mar bid-deliveries ghand Miller, kien Gafa' li kien jiffirmalu. Qal ukoll illi meta pero ha l-kunsinna gewwa Birkirkara, ma jiftakarx jekk kienx iffirmalu xi hadd. Xehed illi f'din id-dar kien hemm mara u ragel, ghax fil-fatt din il-kunsinna saret go dar, tant illi dawn il-kaxxi thallew taht it-tarag.

Rose Mary Borg xehed illi zewgha kellu hanut ta' stationery gewwa l-Furjana. Ammettiet li f'zewg okkazjonijiet minhabba li keinu xtraw hafna stock, kienu haznu l-kunsinna god-dar. Borg fil-fatt tghix gewwa Birkirkara. Dan gara ghax fil-fat kienu rcevew kunsinna kbira ta' photocopy paper. Rat lil zewgha jiffirma ghal dawn il-karti, darba zgur. Spjegat li din il-kunsinna twasslet id-dar taghha mhux il-hanut ghax ma kienx hemm fejn toqghod fil-hanut. Xehdet ukoll illi Robert Gafa' kien mar id-dar taghhom biex jghidilhom li kien ser igib il-karti, fil-fatt mar ikellem lil zewgha dwar hekk.

Bruce Sammut ghandu kumpanija Complete Supplies Ltd. L-istess kumpanija tbiegh lil Miller Distributors. Il-contact person kien Robert Gafa'. Xehed dwar darbtejn fejn l-ordnijiet li ghamel Gafa' ntbaghtu x'imkien Birkirkara. Qal illi din l-ordni giet minghand Robert Gafa'.

Qal hekk:

*'Iva ilhom (Millers) jordnaw xi sentejn jew forsi iktar minn sentejn u xi Dicembru bdew jinbidlu l-ordnijiet, gew ordnijiet hafna iktarr milli kienu qabel u jigifieri telghu s-sales hafna.'* (folio 228).

Ezebixxa invoices Dok BS u BS1 folio 240 – 285, li kienu invoices ntbaghtu lil Miller minghand Complete Supplies Ltd. Spjega fil-fatt kif skala x-xiri f'certi zminijiet tant illi allura l-invoices skalaw minn ammonti minuri ta' ftit liri ghal mijiet u anke fuq elf lira Maltin (folio 260), dan f'Jannar tas-sena 2001. Qal illi dan f'mohhu ma nduca ebda suspett stante li stenna mis-salesman gdid taghhom, Pierre Muscat, zieda fis-sales.

Saret ukoll referenza ghal invoices fejn fuqhom hemm mitkub *'ask for Robert Gafa'"* folio 265. Ghalkemm ix-xhud ma kienx jaf jghid min kiteb dan, wiegeb illi x-xoghol ghalihom kien jigi minghand Gafa', li hu kien jordna x-xoghol. Per parentesi din l-invoice kienet wahda ghall-ammont ta' Lm356.50. Dwar l-invoice a folio 275 ghall-ammont ta' Lm1,725.00 datata 02.03.2001, qal illi dan kien delivery li sar u fuq struzzjonijiet ta' Gafa', sar fil-mahzen l-iehor ta' Birkirkara.

Spjega li hu sar jaf li dan ix-xoghol mar Birkirkara ghaliex il-kumpanija riedet fil-fatt tithallas tax-xoghol li kien iddistribbwit lil Millers 'on invoice'. Hawn skopra dak li kien qieghed jissuccidi.

Stephen Cassar, ukoll delivery man ma' Complete Supplies Ltd, xehed illi meta kien jiehu x-xoghol ghand Miller, gieli ra hemm lil Robert Gafa'. Qal ukoll illi ghand Miller, barra Hal-Luqa gieli ha kaxxi ta' photocopy paper go dar gewwa Birkirkara. Xehed illi hemm mar darbtejn. Ikkonferma li Gafa' kien jiffirmalu ghax-xoghol li hu kien jiehu ghand Miller, pero mhux li ha ghand haddiehor.

Malcolm Refalo, salesman ma' Complete Supplies Ltd, xehed ukoll illi gieli wassal stationery lil Miller, karti ta' photocopy, u anke li hadu dawn go dar Birkirkara. Tkellem fuq kunsinna ta' hames mitt kaxxa. Xehed ukoll illi ghand Miller proprju qatt ma mar b'dan l-ammont. Ikkonferma

wkoll illi kull kunsinna li saret ghand Miller kien jiffirma ghaliha Robert Gafa'.

Nadia Pantalleresco, administration manager ma' Complete Supplies Ltd, tkellmet li parti minn xogholha kien li tircievi ordnijiet minghand klijenti u jibaghtu l-istess. Miller Distributors kienu hekk klijenti taghhom. Dwar photocopy paper, xehdet illi kemm kienet ilha tahdem maghhom hi, darbtejn biss ordnaw dawn il-karti, dan fis-sena 2001. Xehdet illi dawn kienu kwantitajiet kbar fuq ir-rizma. Ikkonfermat li dawn l-ordnijiet ghamilhom Robert Gafa'. Ikkonfermat li almenu ordni minnhom haditha hi minghand Gafa' u li qallha biex din tibaghthielu Hal-Luqa. Xehdet ukoll illi l-kunsinni li kienet qieghda tixhed dwarhom kienet thallset b'cheque mahrug minghand Miller.

Rega' tela' jixhed l-Ispettur Joseph Cordina, dan gialadarba x-xhud Malcolm Refalo, anke fuq struzzjonijiet tal-Qorti, kien ha lill-istess Spettur fil-fond f'Birkirkara, fejn giet konsenjata l-karta tal-photocopy. Xehed Cordina li Refalo kien allura hekk wasslu ghand ir-residenza ta' Anthony Borg gewwa Triq l-Istazzjon.

Fil-mori ta' din il-kawza gew mahtura diversi esperti biex jghinu lil din il-Qorti tasal tifhem l-import ta' dak kollu li allegatament gara mill-agenti l-imputati. Gew ghalhekk mahtura l-Profs Agius, Martin Bajada, u l-Perit Aquilina.

Ghalhekk l-esperti kollha prezentaw ir-relazzjonjiet rispettivi taghhom. Il-Perit Aquilina ezebixxa ghalhekk id-Dok RA folio 457 – 477. Anzi ghandu jinghad ukoll illi r-relazzjonijiet prezentati saru mertu ta' access li ghamlet din il-Qorti fis-sit Millers.

Minn naha tal-Profs Agius ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok JA folio 615.

Ghalhekk il-Qorti ghamlet referenza ghar-rapport JA ibid. Rat konkluzjoni li wasal ghaliha l-istess Profs Agius. Pero ghandu jinghand ukoll illi l-Profs Agius mar ftit oltre fir-relazzjoni tieghu, dan ghaliex attribwixxa htijiet hu lill-

imputati, ezercizzju dan li zgur ma kienx fil-kompitu tieghu li jaghmel. Pero dan l-espert, l-istess bhall-espert Martin Bajada, ma setax jasal ghall-ebda konkluzjoni jew opinjoni dwar dak illi kienu l-estent u l-hsarat sofferti minn Millers Distributors, ghalkemm mieghu l-istess Millers sostnew illi d-danni sofferti kienu ta' Lm10,500.00.

Ghandu jigi premess ukoll illi tali diffikultajiet ta' l-esperti biex jaslu ghad-danni sofferti kienu rizultat tal-fatt illi ghajr ghar-rapport gia' msemmi fil-komputazzjoni (Dok RM1), ma tressqu ebda provi ohra. Oltre dan, ghalkemm il-pulizija elevaw diversi computers, ma ngabet ebda prova ta' liema minn dawn sofra xi dannu.

Rat ukoll il-Qorti l-istqarrijiet ta' l-imputati. Robert Gafa' stqarr illi kien ilu jahdem ma' Millers bhala distribution manager ghall-ahhar disa' snin. Xogholu kien illi jiehu hsieb tqassim ta' gazzetti u magazines. Dwar l-incident in dezamina spjega li f'Settembru tas-sena 2000 kien inqata' d-dawl u dam hekk. Dan intghogob u ghalhekk xi granet wara l-incident, hu u l-ko-imputat tfew id-dawl. Dan bdew jaghmluh minn kamra li kienet taghmel parti minn kamra akbar li kien jidher fiha hu stess. Spjega li baqghu jitfu dan l-MCB ta' spiss. Spjega li l-kumpanija bdiet anke ggib technicians biex isolvu dawn il-problemi. Spjega wkoll illi beda anke jaqleb, flimkien ma' siehbu, l-switches tal-computers li kienu jirregolaw il-power supply. Jghid illi baqghu jaqilbu dawn l-switches sakemm inqabdu.

Spjega li din l-azzjoni kienu gennata. Kien anke konxju li kien anke ha shock xi hadd fil-kumpanija.

Tkellem anke dwar l-affarijiet li hu ha mill-basement tal-kumpanija ghal fejn ukoll kellu access – bhal vacuum cleaner, foot spa, magna tad-DVD, stereo bis-CD player complut, xi hames frames tal-fidda, hair dryer u ammont ta' batteriji. Ammetta anke li biegh dawn il-batteries lil certu Adrian li sahansitra kien jahdem ma' l-istess kumpanija. Ta' dawn qala' Lm250.00. Dawn l-oggetti kien jaghmilhom fil-ghaxija wara li jkun telaq kulhadd.

Ammetta wkoll illi kien ghadda xoghol lil hwienet li jkun iddikkjara li xtara bhala xoghol ghall-kumpanija. Biegh lill-hanut Royal tal-Furjana bla karti, tant illi darba thallas Lm10,000.00, u darba ohra naqra anqas. Thallas cash. Hareg ricevuta u l-kumpanija ma rceviet ebda xoghol. L-istess ghamel ma' certu Lawrence Galea ta' TopSpot Stationery, Paola. Lil dan bieghlu madwar erba' jew hames kunsinni ta' circa Lm1,000.00-il wahda. Semma' wkoll printing press Sharvien – minghand dawn qala' circa Lm1,000.00. Ammetta li x-xoghol li kien ibiegh b'dan il-mod kien ikun stationery li suppost kien jixtri biex jintuza mill-kumpanija Miller, izda li qatt ma kien jidhol ghand il-kumpanija izda kien jibqa' sejjer ghand min kien ikun miftiehem mieghu.

Minn naha tieghu Malcolm Zarb fl-istqarrija tieghu qal illi hu kien jahdem mal-kumpanija Miller bhala clerk ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs. Spjega li wara li kienet faqqghet is-salva vita kaguna ta' electric kettle, ghogbitu l-idea li jfaqqa' s-salva vita u beda jaghmel anke hu hekk flimkien mal-ko-imputat l-iehor. Spjega li anke ngabu technicians biex tissolva l-problema ta' l-elettriku. Semma' li bdew jitfu l-MCB li kien jahdem fih. Meta ssakkret il-kamra ta' l-MCBs, bdew allura jbaghbsu fil-computer. Anke meta x-xoghol tal-kumpanija beda jsir mill-Belt minhabba dawn l-inkonvenjenzi li bdiet issofri l-kumpanija, hu flimkien mal-ko-imputat l-iehor kienu jidhlu l-kumpanija Hal-Luqa, madwar xil-5.00am jaqtghu d-dawl, u jitilqu 'l barra. Eskluda li qatt ghaddielu minn mohhu li xi hadd b'dan it-tbaghbis seta' jiehu xi shock. Spjega li hu beda jaghmel dan ghax kien irvillat fuq ex-girlfriend tieghu li kienet hadet promotion mal-kumpanija. Jghid illi ghalhekk hadha kontra l-kumpanija.

Ammetta wkoll illi anke ha xi affarijiet, merkanzija tal-kumpanija, dan ghall-uzu personali tieghu. Qal illi ha erba' radios, zewg diskmen, zewg telephones, xi CD roms vojta, dinghi tal-bahar tat-tfal, xi emergency lights, vaccum cleaner, frames, picnic baskets, DVD player, video cassettes, arlogg tal-kcina, u mizien – dawn li seta' jiftakar.

Malcolm Zarb ghazel ukoll illi jixhed quddiem din il-Qorti viva voce. Qal illi meta dahal jahdem ma’ Millers kellu tmintax-il sena. Kien ilu hemm xi erba’ snin. Beda wara certi zmien jghin lil Gafa’ fuq distribution ta’ magazines. Spjega dawr it-tbaghbis ta’ l-MCBs, illi l-iskop tieghu ma kien ta’ xejn, anzi li ma kellu ebda skop izda ghax kien iblah. Qal illi kien jaghmel hekk biex fid-9.30 u l-10.00 ta’ fil-ghodu jmur id-dar. Innega li hu qatt ghamel hsara volontarja. Anzi spjega li *‘Kien itir computer jigifieri just a simple fuse u just kienu jbiddluh u jerga’ jahdem normali dan il-coputer’* folio 639. Daqshekk kien qieghed jaghmel fejn jidhol id-dawl. Xehed ukoll ili l-affarijiet kollha li ha mill-kumpanija kollha rritornahom lill-pulizija. Innega li qatt biegh xi haga minnhom jew li qala’ xi flus minn fuqhom. Innega li kellu x’jaqsam ma’ xi cekkijiet.

Spjega li l-iskop ta’ dan kollu kien illi kien ghadu zghir, kien johrog fil-ghaxija, kien idum umbaghad l-ghada fid-9.30am l-10.00am kien irid li jkun id-dar. Ghalhekk l-iskop tieghu kien biss illi jmur id-dar kmieni.

In difesa ghal Robert Gafa’ xehed missier Robert Gafa’ – George Gafa’. Spjega li ibnu kien ta’ ghajnuna kbira ghalih u ghal martu ghax kien jghin hafna fit-trobbja ta’ bintu ta’ 45 sena li kienet persuna b’disabbilta’ kemm fizika kif ukoll mentali. Xehed ukoll illi Robert ibnu kien suggett ghal epileptic fits (vide wkoll Dok GG folio 631). Ezebixxa wkoll missier l-imputat Dok GG1 folio 632, dokument redatt minn Dr Robert Naudi dwar l-istorja medika ta’ Robert u ta’ ohtu Carmen.

Semghet it-trattazzjonijiet finali.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok qabel din il-Qorti ma tibda biex tezamina l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, tissottolinea li kwalunkwe inkluzjoni fl-istqarrija ta’ imputat tal-partecipazzjoni tal-ko-imputat l-iehor, hawn m’ghandhiex issib piz. Daqstant iehor dak illi xehed Malcolm Zarb fuq siehbu Robert Gafa’. Pero harsa semplici lejn l-istqarrijiet ta’ zewg ko-imputati frankament ma thalli ebda dubbju

rigward il-partecipazzjoni taghhom fl-azzjoni mertu ta’ din il-kawza.

Issa l-Artikoli mibghuta addebitati liz-zewg imputati huma in komun dawk ta’ serq aggravat, ricettazzjoni, u hsara volontarja jew offizi rizultat ta’ esplussiv.

Illi bla dubbju ta’ xejn, anke ex admissis jirrizulta li l-imputati ghal xhur twal serqu merkanzija mportata mill-kumpanija Miller. It-tnejn spjegaw kif wara l-hinijiet tax-xoghol kienu jinzlu fil-basement u jgorru. Il-lista ezebita mill-Ispettur Joseph Cordina Dok JC folio 36 turi dak illi l-pulizija gabru minghand l-imputati rispettivament. Din ir-res furtiva pero qatt ma giet kwantifikata fil-valur. Is-serq addebitat huwa dak aggravat bil-mezzi, ammont, persuna, u hin. Illi frankament din il-Qorti mhix tal-fehma li jezisti l-aggravju tal-mezz. Certament nonostante li l-ammont ma giex kwantifikat, pero zgur li l-oggetti misruqa minn kull imputat jeccedu l-mitt lira Maltdin bil-valuta ta’ zmien ir-reat – ghal dan il-Qorti m’ghandha bzonn ebda espert. Pero l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta’ l-oggetti misruqa mill-basement jeccedu l-elf lira Maltin. Certament l-aggravju tal-persuna jissusisti taht id-definizzjoni ta’ l-Artikolu 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Daqstat iehor jezisti l-aggravju tal-hin, ex admissis mill-istqarrijiet taz-zewg imputati.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg imputati ai termini ta’ l-Artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268, 270, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Certament hawn anke ex admissis, minhabba t-tul taz-zmien – xhur, fejn gew kommessi dawn is-serqiet, ghandu japplika l-Artikolu 18 cioe’ l-kontinwat.

Fil-konfront tar-reat ta’ ricettazzjoni certament dan huwa reat addebitat bhala wiehed alternattiv fil-konfront ta’ Malcolm Zarb. Minn naha tieghu tqis illi Robert Gafa’ bil-bejgh tar-res furtiva huwa hati taht ir-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide stqarrija ta’ l-istess fir-rigward tal-bejgh ta’ batteries).

Bla dubbju ta’ xejn, anke jekk l-esperti kellhom diffikulta’ jikkwantifikaw dan, l-imputati kkagunaw danni konsiderevoli lill-kumpanija Millers. Dok RH1 gia’ ezebit juri somma ferm kbira tad-danni li sofriet il-kumpanija bl-azzjoni ta’ Zarb u Gafa’. Ex admissis dawn ghal disa’ xhur qatghu d-dawl tal-kumpanija, waqqfuha mix-xoghol, sahansitra kellu jithallas overtime. Kellhom jithallsu konsulenti biex jippruvaw isolvu l-problema, li ghalkemm zghira baqghet ma gietx solvuta minnhom – dan anke ghall-istess skantament ta’ l-imputat Gafa’ li jghid fl-istqarrija tieghu li dawn it-technicians ma skoprewx il-problema nonostante li kienu qed jaraw l-MCB switch mitfi (folio 18).

Instemghu argumenti kontra argumenti, anke mal-hatra tal-periti, illi Millers kienu ezageraw id-danni minnhom sofferti. Dan il-Qorti lesta anke tikkoncedieh, ghalkemm hija daqstant konvinta li d-danni sofferti minn din is-socjeta’ kienu ferm konsiderevoli. Daqstant iehor hija konvinta din il-Qorti, u anke hawn ma tridx xi sengha u hila biex tasal, illi d-danni sofferti jeccedu il-hames mitt lira Maltin. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda anke ssib htija taht l-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront taz-zewg imputati Malcolm Zarb u Robert Gafa’.

Ir-reat l-iehor addebitat liz-zewg imputati huwa dak taht l-Artikolu 312(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Issa dan l-Artikolu b’referenza ghall-Artikolu precedenti 311 jitkellem b’mod car fuq spluzjoni kagunata b’uzu ta’ sustanza esplussiva. Vera li f’okkazjoni minnhom, anke izjed minn darba, sploda xi computer kagun tat-tbaghbis ta’ Gafa’ u Zarb, pero f’dawn l-azzjonijiet infantili taz-zewg imputati, zgur li ma ntuzatx sustanza esplussiva, ghaldaqstant Robert Gafa’ u Malcolm Zarb ghandhom jigu liberati mill-akkuza taht ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 312(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Robert Gafa’ wahdu gie anke akkuzat bir-reati taht l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 183, u 184 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem l-addebitu tat-truffa. Gafa' minn negozjati li ghamel ma JM Supplies u hwienet ohra fejn irnexxielu jbiegh photocopy paper li kienet intiza ghal Millers u jithallas taghha hu, ghalkemm hawn kien qieghed iqarraq bis-socjeta' Millers, pero qatt ma uza xi messa in scena – element kostituttiv ta' dan ir-reat. Ma jirrizulta ebda raggiri hawn biex tigi ngannata s-socjeta' Millers. Ghalhekk Robert Gafa' ghandu jigi liberat mir-reati taht l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Certament l-azzjonijiet ta' Robert Gafa' fil-konfront tal-photocopy paper li xtara f'isem Millers u biegh lil terzi bi qliegh ghalih a pregudizzju ta' Millers Distrbutors jikkostitwixxi reat ta' misapproprijazzjoni in debita. Certament Gafa' bhala distribution manager gawda posizzjoni ta' fiducja mas-socjeta' msemmija. Certament hu dawwar bi qliegh ghalih il-fiducja li taghtu l-kumpanija qua distribution manager, il-fakolta' li kelluk li jinnegozja f'isem l-istess socjeta'.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi Robert Gafa' hu hati ta' l-akkuzi taht ir-reat skond l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ahhar reati addebitati huma dak ai termini ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat huwa koncernat fuq falsifikazzjoni - fil-kaz in dezamina wiehed f'dokument kummercjali. Bla tlaqlieq ta' xejn din il-Qorti ftit tista' tifhem dan l-addebitu ghax frankament Gafa' ma ffalsifika xejn. Anzi b'wiccu minn quddiem kien hu li ta l-istruzzjonijiet li karti mixtrija u mhallsa minn Millers jinhattu f'sit differenti. Lanqas fit-tisrif ta' cheques ma' terz pruvat ma kien hemm falsifikazzjoni, ghax it-terz sarraf cheque li kien jaf li kien destinat ghal haddiehor, u li ma kien imbaghbas b'ebda mod. Ghaldaqstant Robert Gafa' ghandu jigi liberat anke minn din l-akkuza.

Ghaldaqstant qieghda ssib lil Robert Gafa' hati taht l-Artikoli 261, 267, 268, 270, 279, 280, 18, 334, 325, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tilliberah kif premess mill-effetti ta' l-Artikoli 312, 308, 309, 310, 183, u 184 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Malcolm Zarb issib htija taht l-Artikoli 261, 267, 268, 270, 279, 280, 18, 325 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tilliberah mill-effetti tar-reati taht l-Artikoli 334 u 312 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputat ghandhom ibaghtu pieni differenti, anke minhabba l-htijiet lilhom addebitati.

Ghaldaqstant, fil-konfront ta' Robert Gafa', wara li anke rat l-Artikoli 17 u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis, tenut kont tal-partecipazzjoni tieghu f'dawn ir-reati, 0li ghandu jbaghti piena karcerarja effettiva, tenut kont tal-posizzjoni tieghu fil-kumpanija Millers u l-mod li abbuza bla misthija u ghal zmien twil, il-fiducja lilu moghtija. Din il-Qorti qieset ukoll dak illi xehed missier l-imputat fil-konfront ta' ibnu, l-ghajnuna li joffri fejn jirrigwarda l-oht u l-kundizzjoni medika tieghu (l-imputat) stess – dan il-fattu pero l-imputat imissu rahom fi zmien li kien qieghed jippregudika l-kumpanija li kienet qieghda titimghu - ghaldaqstant tikkundannah ghalhekk ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt (3) snin.

Fil-konfront ta' Malcolm Zarb, rat ukoll il-Qorti l-Artikoli 17 u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba' (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-partecipazzjoni tieghu f'dawn ir-reati u anke ghax alomeno rritorna r-res furtiva minnu misruqa.

In vista' tal-konkluzjonijiet peritali u d-diffikultajiet li sabu l-istess esperti biex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti kif gia' premess, ma thossx din il-Qorti li l-imputati ghandhom jigu kkundannati jsofru l-ispejjez peritali taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------